VOICE OF THE WORKERS

# Il-pożizzjoni tal-UĦM fir-rigward tal-PPPs tal-Isptarijiet

Għeżież ħbieb,

Minħabba li f'dawn l-aħħar ġimgħat ingħataw ħafna verżjonijiet ta' x'qed jiġri fir-rigward tal-*Public Private Partnership* tal-Isptarijiet ta' Għawdex, Karin Grech u St. Luke's, il-UĦM *Voice of the Workers* xtaqet tfehemkom il-pożizzjoni tagħha. Sabiex wieħed jifhem sew, tajjeb li jiġu stabbiliti dawn il-fatti:

Is-sena l-oħra il-*Vitals Global Healthcare* (VGH) intgħażlet għal konċessjoni mill-Gvern sabiex tibda tieħu ħsieb l-isptarijiet msemmija hawn fuq; Din il-konċessjoni hi valida għal 30 sena VGH intrabtet li trid tagħmel tibdil strutturali fil-bini tal-isptarijiet sabiex iġib il-post aġġornat mat-teknoloġiji tal-lum. Fil-bidu ta' din is-sena bdejna ninnegozjaw ftehim mal-Ministeru tas-Saħħa sabiex id-drittijiet tagħkom ikunu salvagwardjati. Fost l-affarijiet negozjati kien hemm: Il-ħaddiema kollha jibqgħu jaħdmu fejn qegħdin illum (ma jonqosx in-numru ta' l-istaff); Fir-rigward ta' dixxiplina, il-privat jista' joħroġ dixxiplina verbali u twissijiet bil-miktub biss. Dixxiplina aktar serja bħal Bord ta' Dixxiplina jista' jsir biss miċ-Ċivil; *Vacancies* f'dipartiment għadhom jiġu mimlija minn ħaddiema taċ-Civil stess; Il-listi ma jistgħux jiżdiedu sakemm ma jkunx hemm qbil mal-UĦM (professjonisti u l-lista ta' pazjenti li jridu  jaraw matul il-ġurnata); Il-ħinijiet tax-xogħol ma jinbidlux jekk mhux bi qbil mal-Union; Bonus relatat ma' *performance*, responsabbilta' u multi-tasking;Persuna tista' tiġi mislufa lill-VGH u ma titlifx il-grad tagħha maċ-Ċivil; *Flexibility bonus* Jidher iżda li għalkemm il-Ministeru tas-Saħħa kien wiegħed diversi affarijiet fil-laqgħat magħkom, fin-negozjati ma riedx dan li ġej: L-istaffing complement mhux garantit. Dan ifisser li l-ħaddiema ma għandhomx garanzija li jibqgħu jaħdmu fl-istess post; Il-listi jista' jżidhom il-Privat meta jrid; Il-ħinijiet tax-xogħol jistgħu jinbidlu; Il-bonus u il-flexibility bonus jistgħu jingħataw biss fuq sistema stabbilita mill-Gvern jew mill-Privat mingħajr qbil mal-Union; Minħabba f'hekk il-UĦM kienet baqgħet tinsisti fuq dawn id-drittijiet; Dawn in-negozjati waqfu ħesrem meta ħarġet l-aħbar tal-Panama Papers u sal-lum għadhom ma tkomplewx.

Sadattant, il-UĦM innutat dawn il-pożizzjonijiet kif ukoll dak li qed jiġri fil-Panama Papers, kif ukoll dak li ġie allegat u qatt ma ġie miċħud mill-Gvern, jiġifieri, li VGH ġiet avviċinata qabel ma ħarġet is-sejħa. Barra minn hekk, kienu wkoll innutati l-allegazzjonijiet tal-ġurnal *The Times of Malta* li qal li l-kirja mhix ta' 30 sena iżda ta' 99 sena.

Minħabba f'hekk, il-UĦM flimkien mal-Assoċjazzjoni Medika Maltija (MAM) kienet talbet li qabel ma jiġi iffirmat il-ftehim, il-Ftehim li sar bejn il-Gvern u l-VGH irid jiġi ppubblikat. Dan minħabba li kull ftehim li qed isir f'isem il-ħaddiema hu marbut mal-ftehim li sar bejn il-Gvern u l-VGH. Wieħed irid jifhem li tiffirma x'tiffirma l-Union, iħoll u jorbot ma' dak li hemm miktub fil-ftehim li sar bejn il-Gvern u l-Privat.

UĦM
Voice of the Workers
St Thomas Str.
Floriana FRN 1123 Malta
T: (+356) 2590 5000
E: info@uhm.org.mt

Jekk, bħala eżempju, (u nittamaw li mhux il-każ) il-Gvern qabel li n-numru ta' staff taċ-Ċivil se jonqos, u l-Union tiffirma mal-Gvern li n-numru mhux se jonqos, il-ftehim tal-Gvern mal-Privat jirbaħ u l-Union tkun iffirmat għal xejn.

Għaldaqstant, il-UĦM hi aktar konvinta' bid-deċiżjoni li ħadet li ma tiffirma ebda ftehim sakemm il-ftehim oriġinali, li fuqu hu mibni kollox, ikun ippubblikat u mqiegħed taħt l-iskrutinju tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur (NAO). Wieħed jistaqsi: x'kien jiġri kieku l-UĦM iffirmat ftehim għal 30 sena meta l-VGH tista' ġġedded għal 99 sena?

Għalhekk il-UĦM tagħmilha ċara li, din il-union mhix se tinnegozja u wisq anqas tiffirma ftehim dwar il-PPP tal-isptarijiet ta' Malta u Għawdex qabel ma jkun pubblikat il-ftehim bejn il-VGH u l-Gvern, l-istess ftehim għandu jkun analizzat mill-NAO. Għandna ndaħħlu prattika li l-uffiċċju tal-Awditur janalizza dawn il-ftehim qabel ma jidħlu fis-seħħ. Dan għax ftehim, kultant, jingħata lill-Uffiċċju tal-Awditur sena wara li jidħol fis-seħħ, meta l-Awditur Ġenerali ma jkun jista' jagħmel xejn għajr jgħid x'jaħseb x'seta' sar aħjar.

Grazzi,

Gian Paul Gauci
Assistent Direttur
UĦM Voice of the Workers